MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-8 ta' Marzu, 2007

Appell Kriminali Numru. 41/2007

Il-Pulizija
(Spt. K. Farrugia)

Vs

Jacqueline Mamo

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-1 ta' Settembru, 2003, kif ukoll fix-xhur ta' wara fl-Iklin, b'diversi atti maghmulin minnha fi zminijiet differenti li tkun kissret l-istess dispozizzjoni tal-ligi w tkun giet maghmula b'rizoluzzjoni wahda, volontarjament kissret il-bon ordni w il-paci pubblika bi hsejjes ta' air conditioner.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-30 ta' Jannar, 2007, li biha,

wara li rat l-artikolu 18 u l-artikolu 338 dd tal-Kap. 9, sabet lill-appellanti hatja w ikkundannatha ammenda ta’ LM25 kif ukoll a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9, ikkundannatha thallas l-ispejjez peritali.

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fid-9 ta’ Frar, 2007, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata u konsegwentement tillibera lill-appellanti minn kull imputazzjoni jew htija skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti, fil-qosor, huma s-segwenti w cioe’:-

1. illi mill-provi prodotti rrizulta li l-imsemmi A/C li jinsab installat fis-shaft u li allegatament jinstema jahdem meta t-tieqa tal-kcina tal-kwerelanti tkun miftuha. hAwn ta' min jinnota li l-hoss li johrog mill-extractor ta’ l-istess kcina meta huwa mixghul huwa ghola mill-hoss tal-unit in inkwistjoni;
2. illi l-livell tal-hoss kif mkejla mill-enginiera mqabbda mill-kwerelanta w dak kif mkejjel mill-perit mqabbad minn din il-Qorti huma kompletament differenti. Ta’ min wiehed jirrileva li l-istess rapport tal-perit mqabbad mill-istess kwerelanta kien minn dejjem a disposizzjoni tal-perit tekniku;
3. illi minkejja li l-proceduri odjerni huma ta’ natura sommarja l-istess proceduri hadu madwar tlett snin biex jigu ffinalizzati;
4. illi perit tekniku acceda darba wahda biss fil-fond in kwistjoni u zamm 42 seduta w liema rapport gie jiswa aktar minn LM469.76, li l-parti kbira minnhom ghal xi raguni jew ohra ma sar xejn fihom;
5. illi skond gurisprudenza tal-Qorti Maltija sabiex ikun hemm ksur tal-buon ordni u tal-paci pubblika, dan irid isir b’mod oggettiv u mhux konstatat minn persuna wahda;
6. illi l-Qorti tal-Magistrati naqset illi tiehu nota tal-fatt illi filwaqt li hemm similaria bejn hsejjes, ghajjat u fraterija, fil-Kap. 9 tal-Artikolu 338(dd), tisussiti differenza sostanzjali fir-rigward dak li qed jigi kontemplat taht dan l-artikolu;

*7.* illi l-istess artikolu ma jittrattax dwar l-istorbju. Dan jirrigwarda, kif kien gie spjegat tajjeb fil-kawza "Il-Pulizija vs Paul Montebello" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar it-30 ta' Marzu, 1957, meta l-istess Qorti qalet *"….tirrigwarda l-buon ordni pubbliku konsistenti fis-sikurezza pubblika u anki fis-sikurezza individwali u vjolenza ta' ordni pubbliku ….."*;
*8.* illi fil-kawza "Il-Pulizija vs Annetto Said" deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-15 ta' Mejju, 1958, il-Qorti qalet *"….. li Kap. 9 Artikolu 353(bb) [gja Art. 338(dd)] mhux dak biss imma jirrizolvi ruhu f'dawk l-attijiet li jiddiminwixxu l-opinjoni tas-sicurezza tal-individwu u li ghalhekk jikkostitwixxu vjolazzjoni tal-Ordni Pubbliku ….."*;
*9.* Illi fis-sentenza "Il-Pulizija vs Andrea Galea et" deciza fit-30 ta' Gunju, 1998, il-Qorti qalet *"…… illi s-semplici nkonvenjent kkagunat minn hsejjes jew storbju, anke jekk ikunu hsejjes kbar u allura nkonvenjent kbir, ma jammontax per se ghar-reat kkontemplat in Section 338(dd) ….."*;

Rat il-fedina penali tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat illi fis-seduta tal-lum Dr. Azzopardi ghall-prosekuzzjoni irrimetta ruhu ghar-rikors tal-appell u aderixxa mat-talba ghar-revoka tas-sentenza appellata.

Rat il-gurisprudenza kopjuza w citata fir-rikors tal-appell u , kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta mis-S.T.O. il-Prim Imhallef Dr. V. Degaetano fil-kawzi **"Il-Pulizija vs. Francis Tabone"** [ 22.12.2006] …. –

*"Din il-Qorti diga kellha okkazzjoni f'diversi sentenzi taghha tispjega f'hiex jikkonsisti dan ir-reat – li fil-ligi ingliza jissejjah a breach of the peace – u li s-semplici hsejjes jew inkonvenjent minn hsejjes ma jammontawx per se ghal breach of the peace. A skans ta' ripetizzjoni ssir referenza ghas-sentenza ta' din il-Qorti tal-24 ta' Mejju 1996 fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Joseph Spiteri****, kif ukoll ghas-sentenza, aktar recenti (pero` dejjem ta' din il-*

*Qorti, ghalkemm diversament presjeduta) tat-3 ta' April 2003 fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Paul Pace"**.*

Illi jidher manifestament illi l-artikolu li tahtu giet akkuzata l-appellanti ma jkoprix agir bhal dak tal-appellanti fl-operazzjoni ta' "air conditioner" nojjuz.

Ghaldaqstant tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------